# IL-MAGĦMUDIJA MHIX GĦALIK SAKEMM INT TEMMEN

Minn
George Ebejer

# IL-MAGĦMUDIJA MHIX GĦALIK SAKEMM INT TEMMEN

Il-magħmudija, għalkemm hija ordnata bl-aktar mod ċar mill-Mulej tagħna Ġesù Kristu, hija suġġett li ħaf-na ppruvaw jagħtu interpretazzjonijiet tagħhom infus-hom minflok ma ħallew il-Kelma ta' Alla, il-Bibbja Mqaddsa tinterpreta hi għalihom! Minħabba f'hekk, huma ħafna nies sinċiera li qegħdin jiġu ngannati b'dak it-tagħlim żbaljat.

Meta l-appostli Pietru u Ġwanni kienu f'sitwazz-joni fejn kellhom jagħmlu għażla lil min huma għand-hom jobdu, l-Iskrittura tgħidilna hekk dwar dan:

> "*Imma Pietru u Ġwanni weġbuhom: 'Għidulna intom jekk hux sewwa qud-diem Alla li aħna nisimgħu aktar minn-kom milli minn Alla'*" (Atti 4:19).

Il-konklużjoni tagħhom kienet:

> "*Iżda Pietru, flimkien ma' l-appostli, wieġeb u qal: '**Jeħtieġ nobdu aktar lil Alla milli 'll-bnedmin**'*" (Atti 5:29; enfasi tiegħi).

Persuna għandha tistaqsi lilha nfisha: Lesta jiena li "nobdi *aktar* lil Alla milli 'll-bnedmin?" Jiena ċert lit-tweġiba se tkun "*Iva, lesta!*" Imma xi drabi dik l-istess persuna li twieġeb *iva*, meta tasal biex tieħu deċiżjoni, hija "tobdi aktar lill-bnedmin milli lil Alla!"

Hemm biss *żewġ* awtoritajiet reliġjużi, dak li *jgħid Alla* u dak li *jgħidu l-mexxejja reliġjużi tad-dinja*. F'Mattew 15:4, 5 insibu dawn iż-żewġ awtoritajiet ikkwotati mill-Mulej tagħna Ġesù Kristu:

> "*Għax **Alla qal**,…Imma **intom tgħidu**, …*" (Enfasi tiegħi).

Dak kollu li nemmnu u nipprattikaw fil-ħajja reliġjuża tagħna jinsab taħt xi waħda minn dawn iż-żewġ awtoritajiet. Li aħna lkoll irridu nagħmlu huwa sempliċi ħafna jew dak li aħna nemmnu u nipprattikaw nemmnuh u nipprattikawh għax "**Alla qal**" jew dak kollu li aħna nemmnu u nipprattikawh nemmnuh u nipprattikawh għax "**Intom tgħidu.**" Forsi xi ħadd jistaqsi: "Imma kif nistgħu aħna nagħmlu dan?" It-tweġiba jagħtiha Alla Nnifsu fil-Kelma Tiegħu:

> "*Dawn il-Lhud kienu nies ta' qalb kbira aktar minn dawk ta' Tessalonika; huma laqgħu l-kelma bil-ħeġġa kollha, **u kuljum bdew iqallbu l-Iskrittura biex jaraw jekk dak li semgħu kienx minnu***" (Atti 17:11).

Hekk aħna għandna nagħmlu wkoll, inqallbu l-Iskrittura biex naraw jekk dak li aħna smajna u li aħna konnha mgħallmin kienx minnu (skond il-Kelma ta' Alla) jew le.

L-Ispirtu s-Santu jwissina wkoll, permezz ta' l-appostlu ispirat:

> "*Tħallu lil ħadd iqarraq bikom bi kliem fieragħ, għaliex minħabba f'hekk tinżel*

*il-korla ta' Alla fuq dawk li ma jisimgħux*" (Efesin 5:6).

Irridu aħna li jkollna "l-korla ta' Alla fuqna" għaliex inkunu qegħdin inħallu lil min iqarraq bina billi ma nkunux irrid nisimgħu? U permezz ta' l-appostlu Ġwanni jgħidilna:

"*Għeżież, mhux lil kull xorta ta' spirti għandkom temmnu. L-ispirti stħarrġuhom, biex taraw ikunux ġejja minn Alla; għax kienu ħafna l-profeti foloz li ħarġu fid-dinja*" (1 Ġwanni 4:1, 2).

Dan wieħed jista' jagħmlu biss billi: "*jqalleb fl-Iskrittura biex jara jekk dak li jisma' jkunx minnu jew le*" (Atti 17:11). Issa ħalli nkomplu fuq is-suġġett tagħna. Jiena nistiednek biex iżomm il-Bibbja tiegħek f'idejk u dejjem aqra l-kwotazzjonijiet kollha mill-Bibbja tiegħek!

## IL-MAGĦMUDIJA MHIX GĦALIK SAKEMM INT TEMMEN

Huwa kollu għal xejn! Jekk int ma emminx dak li Alla jgħid fil-Bibbja Mqaddsa dwar il-magħmudija, għalfejn tiskomnoda lilek innifsek biex tixxarrab?

## IL-MAGĦMUDIJA MHIX GĦALIK

### 1.

*Il-magħmudija mhix għalik sakemm int temmen*

**LI ĠESÙ KRISTU HU L-IBEN TA' ALLA**

"*Iżda dawn inkitbu sabiex intom temm-nu li Ġesù hu l-Messija Bin Alla*" (Ġw-anni 20:31).

"*Għax il-fidi tiġi mis-smigħ, u s-smigħ mix-xandir tal-kelma ta' Kristu*" (Rum-ani 10:17).

"*Intom salvi bil-grazzja, permezz tal-fidi*" (Efesin 2:8).

"*'X'qiegħed iżommni li ma nitgħam-midx?' Jekk int temmen b'qalbek li Ġesù hu l-Iben ta' Alla tista'*" (Atti 8: 37).

"*Min jemmen u jiotgħammed, isalva; iżda min ma jemminx, ikun ikkundan-nat*" (Mark 16:16).

## 2.

*Il-magħmudija mhix għalik sakemm int temmen*

## IL-VERITÀ QABEL MA TKUN MGĦAMMED

"*U tagħarfu l-verità, u l-verità teħlis-kom*" (Ġwanni 8:32).

"*Huma…ma laqgħux il-verità biex isal-vaw ruħhom*" (2 Tessalonikin 2:10).

Ma hemm xejn  li jista' jsalva persuna ħlief il-*veri-tà*, il-Kelma ta' Alla! (Ġwanni 17:17; Rumani 1:16).

## 3.

*Il-magħmudija mhix għalik sakemm int temmen*

**LI AKTAR MILLI TEMMEN HU NEĊESSARJU BIEX TKUN SALV**

"*Hekk ukoll il-fidi: jekk tkun weħidha u ma jkollhiex l-opri, tkun mejta*" (Ġakbu 2:17, 26).

"*…ix-xjaten ukoll jemmnu, u jitriegħedu*" (Ġakbu 2:19).

"*Taraw, mela li l-bniedem ikun iġġusti-fikat bl-opri, mhux bil-fidi biss*" (Ġak-bu 2:24).

Meta jintqal f'Efesin 2:8-9, "Mhux bl-opri," dan jirreferi għall-opri ta' mertu jew tjubija personali, b'kuntrast, att ta' fidi ubbidjenti huwa obligatorju għas-salvazzjoni (Luqa 6:46).

## 4.

*Il-magħmudija mhix għalik sakemm int temmen*

**LI L-INDIEMA TIĠI QABEL IL-MAGĦMUDIJA**

"*Indmu, u jitgħammed kull wieħed minnkom f'isem Ġesù Kristu għall-maħfra tad-dnubiet, u taqilgħu d-don ta' l-Isirtu s-Santu*" (Atti 2:398).

Meta wieħed jaqla' d-don ta' l-Ispirtu s-Santu, *qabel* jew *wara* l-magħmudija?

## 5.

*Il-magħmudija mhix għalik sakemm int temmen*

## LI STQARRIJA TAL-FIDI FI KRISTU TIĠI QABEL IL-MAGĦMUDIJA

"*Huma u sejrin għal għonq it-triq, waslu f'post fejn kien hemm l-ilma. U l-uffiċjal qal: "Ara hawn l-ilma! X'qiegħed iżommni li ma nitgħammidx?" Filippu qallu: "Jekk int temmen b'qalbek, tista'." L-ewnuku wieġeb: "Jiena nemmen li Ġesù hu l-Iben ta' Alla Imbagħad ordna li jwaqqfu l-karru, niżlu t-tnejn fl-ilma, hu u Filippu, u dan għammdu. Malli telgħu mill-ilma, l-Ispirtu tal-Mulej ħataf lil Filippu; l-uffiċjal ma rahx iktar u baqa' sejjer fi triqtu* ***kollu ferħan***" (Atti 8:36-39).

Meta l-uffiċjal kien *"kollu ferħan,"* *qabel* jew *wara* l-magħmudija?

## 6.

*Il-magħmudija mhix għalik sakemm int temmen*

## LI WIEĦED JISTA' JIDĦOL FIS-SALTNA TAS-SEMA BISS PERMEZZ TA' TWELID ĠDID

"*Wieġbu Ġesù, 'Tassew, tassew, ngħidlek, li, jekk wieħed ma jitwilidx mill-ilma u l-Ispirtu, ma jistax jidħol fis-saltna ta' Alla*" (Ġwanni 3:5).

Meta wieħed jidħol fis-saltna ta' Alla, *qabel* ma jitwieled mill-ġdid (bil-magħmudija) jew *wara*? Il-ħajja *ġdida* tibda wara l-magħmudija (Rumani 6:4) hekk ukoll it-twelid mill-ġdid! Twelid huwa bidu ta' ħajja ġdida.

## 7.

*Il-magħmudija mhix għalik sakemm int temmen*

### LI HEMM MAGĦMUDIJA WAĦDA BISS GĦALIK BIEX TIRĊIEVI

> "*Mulej wieħed, fidi waħda, magħmudija waħda*" (Efesin 4:5).
>
> "*…Salvaw bis-saħħa ta' l-ilma. Dan l-ilma kien ifisser il-magħmudija, li issa ssalva lilkom ukoll*" (data: 62 jew 63 W.K.; 1 Pietru 3:20-21)

Il-magħmudija "issalva." *Hekk tgħid* il-Kelma ta' Alla!

## 8.

*Il-magħmudija mhix għalik sakemm int temmen*

### LI L-MAGĦMUDIJA HIJA DIFNA FL-ILMA BĦAL F'QABAR

> "*Indfinna miegħu fil-mewt permezz tal-magħmudija*" (Rumani 6:4a).

Tibxix fuq ir-ras mhuwiex difna! Twemmin jew fidi weħidha mhix difna lanqas!

## 9.

*Il-magħmudija mhix għalik sakemm int temmen*

## LI L-MAGĦMUDIJA HIJA QAWMIEN BIEX TGĦIX ĦAJJA ĠDIDA

> "*Kif Kristu kien imqajjem mill-imwiet permezz tal-qawwa glorjuża tal-Missier, hekk aħna ngħixu ħajja ġdida*" (Rumani 6:4b).

> "*Indfintu miegħu bil-magħmudija u bih irxuxtajtu permezz tal-qawwa glorjuża ta' Alla li qajmu mill-imwiet*" (Kolossin 2:12).

"Hekk aħna ngħixu ħajja ġdida." *Qabel* jew *wara* l-magħmudija nibdew il-ħajja ġdida tagħna?

## 10.

*Il-magħmudija mhix għalik sakemm int temmen*

## LI L-BNIEDEM IKUN MAGĦMUL ĦIELES MID-DNUB META JOBDI FORMA LI TISSIMBOLIZZA L-MEWT, ID-DIFNA, U L-QAWMIEN TA' KRISTU

> "*Imma nżżu ħajr lil Alla: intom kontu lsiera tad-dnub, imma issa obdejtu minn qalkom dik il-verità ta' tagħlim li ngħatalkom biex timxu fuqu; infdejtu minn taħt id-dnub, imma tjassartu għall-ġustizzja*" (Rumani 6:17-18).

"Dik il-verità ta' tagħlim" li hawn riferenza għaliha hija mogħtija f'versi 3 u 4 ta' l-istess kapitlu. L-uniku kmand li jista' jiġi obdut u li jaqbel għall-aħbar it-

tajba tal-mewt, difna, u qawmien ta' Kristu hija d-difna u l-qawmien involuti fil-magħmudija.

Magħmudija tat-trabi bit-tibxix ta' l-ilma ma tapplikax għal dan! Ukoll li wieħed isalva *qabel* il-magħmudija ma japplikax għal dan!

## 11.

*Il-magħmudija mhix għalik sakemm int temmen*

**LIS-SALVAZZJONI TIDDEPENDI FUQ IL-FIDI LI TOBDI FIL-MAGĦMUDIJA**

> "*Min jemmen u jitgħammed isalva*" (Mark 16:16).

(Ara l-istampi f'paġni 10 u 11) Mark 16:16. Trabi ma jistgħu jemmnu! Ukoll, wieħed għandu jemmen **U** titgħammed biex issalva u mhux jemmen u jsalva u mbagħad jitgħammed!

## 12.

*Il-magħmudija mhix għalik sakemm int temmen*

**LI L-MAĦFRA TAD-DNUBIET TINKISEB FIL-MAGĦMUDIJA**

> "*U Pietru weġibhom: "Indmu, u jitgħammed kull wieħed minnkom fl-isem ta' Ġesù Kristu għall-maħfra ta' dnubietkom; u intom tirċievu d-don ta' l-Ispirtu s-Santu*" (Atti 2:38).

Aħna nirċievu *l-maħfra* ta' dnubietna u *d-don* ta' l-Ispirtu s-Santu WARA l-magħmudija u mhux *qabel*!

## 13.

*Il-magħmudija mhix għalik sakemm int temmen*

## LID-DEMM TA' KRISTU JAĦFIRLEK DNUBIETEK META INT ISSIR ĦAĠA WAĦDA MIEGĦ

> "*Fih aħna għandna l-fidwa bid-demm tiegħu, il-maħfra tad-dnubiet, skond il-għana tal-grazzja tiegħu*" (Efesin 1:7).
>
> "*Għax dan huwa demmi, id-demm tal-patt, li jixxerred għall-kotra għall-maħfra tad-dnubiet*" (Mattew 26:28).

"*Għall-maħfra tad-dnubiet*" jindika l-iskop li Kristu xerred demmu. Din hi l-grazzja jew il-favur mhux mistħoqq ta' Alla. "Għall-maħfra tad-dnubiet" f'Atti 2:38 hija espressjoni identika, imma hemm din tirreferi għall-*fidi* tal-bniedem twieġeb fl-indiema u fil-ma-għmudija għall-istess skop, "għall-maħfra tad-dnu-biet." Dawk kollha li jiċħdu l-verità ta' Atti 2:38 illi hija dwar il-parti tal-bniedem għandhom ukoll jiċħdu Mattew 26:28 li huwa dwar il-parti ta' Alla. "Għal" ma tistax tfisser "minħabba fi", kif jippruvaw ifissruha xi mexxejja reliġjużi ta' xi denominazzjonijiet, għax kieku Kristu xerred Demmu għaliex id-dnubiet tad-dinja kienu *diġà* maħfura. Kulħadd jaqbelli din hija assurda u kuntrarju għall-verità. Ukoll hekk, huwa ass-urd u kuntrarju għall-verità li tisħaq li bniedem għandu "jindem u jitgħammed għaliex dnubietu kienu diġà maħfura!" Minn dan wieħed jista' jara sa fejn jaslu l-għalliema foloz moderni!

# 14.

*Il-magħmudija mhix għalik sakemm int temmen*

## LID-DNUBIETEK HUMA MAĦSULA FIL-ĦIN U L-WAQT TAL-MAGĦMUDIJA

"*U issa x'int tistenna? Qum! Tgħammed u nħasel minn dnubietek, int u ssejjaħ isem il-Mulej*" (Atti 22:16).

Jista' wieħed ikun salv meta jkun *għadu maħmuġ* bi dnubietu? L-uniku mod kif persuna tista' tindaf minn dnubietha huwa l-magħmudija, billi "titgħammed u tinħasel minn dnubietha!"

## DIJAGRAMMA TAS-SENTENZA

LEZZJONI 'BIL-MALTI ĊAR'

Li tista' tkun ikkonfermata minn kull għalliem kom-pitenti jew professur tal-lingwa Maltija.




Poġġi fil-forma ta' dijagramma sempliċi tal-Malti, il-persuna li għandha tiġi salva, is-suġġett, huwa mfisesr

jew ikkwalifikat bil-frażi ntroduċuta "li" li tgħaqqad. Is-suġġett għandu jkun ikkaratterizzat b'żewġ kwalitajiet: twemin u magħmudija, "U", konġunzjoni, 'tgħaqqad kliem u frażijiet ta' l-istess valur,' tikkonferma l-verità kif inhi mqiegħda mill-Mulej illi twemin u mgħamudija huma essenzjali ndaqs għas-salvazzjoni.

> "*Min (dak li) jemmen u jitgħammed, isalva; iżda min (dak li) ma jemminx ikun ikkundannat*" (Mark 16:16).

Mela, skond Ġesù Nnifsu, **min hu dak li** se jsalva? Il-Mulej jgħid, "*Min jemmen U jitgħammed.*" Jista' xi ħadd jgħid li hemm xi trqi oħra għas-salvazzjoni?

## DIJAGRAMMA TAS-SENTENZA

LEZZJONI 'BIL-MALTI ĊAR'

li tista' tkun ikkonfermata minn kull għalliem kompitenti jew professur tal-lingwa Maltija.




Din il-parti mill-istqarrija tal-Mulej tikkonsidra "Hu" (min) differenti. Hemm kwalifika waħda biss li

tkun ikkundannat jew mitluf, sempliċiment li "ma temminx."

Mela, skond Ġesù Nnifsu, min hu dak li se jkun ikkundannat? Il-Mulej igħid, "*Min ma jemminx*."

> "*Min jemmen u jitgħammed isalva; Iżda min ma jemminx ikun ikkundannat*" (Mark 16:16).

Meta int tgħammidt kont int temmen? Jekk int kont tarbija, ħaġa naturali li *ma kontx tista'* temmen allura l-magħmudija skond Ġesù ma tapplikax għalik. (Luqa 18:15-17). Kont int temmen li se titgħammed għaliex int *diġà* kont salv kif jippruvaw igħallmu xi wħud? Din mhix kustjoni dwar xi jgħidu n-nies imma dwar xi jgħid il-Mulej! Aħseb ftit fit-tul dwar dan u ddeċiedi sewwa għaliex din hija ħaġa ta' mewt jew ħajja fl-eternità! Mhix ħaġa li forsi inti tista' ma togħġobx lill-ħbieb tiegħek u dawk jistgħu wkoll iwarrbuk! L-importanti huwa li tgħoġob lil Alla. Ftakar fil-kliem li jiena għedt fil-bidu:

> "Persuna għandha tistaqsi lilha nfisha: Lesta jiena li "nobdi *aktar* lil Alla milli 'll-bnedmin?" Jiena ċert lit-tweġiba se tkun "*Iva, lesta!*" Imma xi drabi dik l-istess persuna li twieġeb *iva*, meta tasal biex tieħu deċiżjoni, hija "*tobdi aktar lill-bnedmin milli lil Alla!*"

Xi kwalità ta' persuna se tkun int, dik li "nobdi *aktar* lil Alla milli 'll-bnedmin?" jew dik li "*tobdi aktar lill-bnedmin milli lil Alla!*"

Dan huwa fost l-aħħar kliem ta' Ġesù fuq din l-art, parti minn dik li hija msejħa l-Kummissjoni l-Kbira. Din għandha tkun ippriedkata "sa l-aħħar tad-dinja" (Mattew 28:19-20; Mark 16:15-16).

## 15.

*Il-magħmudija mhix għalik sakemm int temmen*

### LI INTI TKUN SALV FIL-ĦIN U L-WAQT LI TKUN MGAMMED FL-ILMA

> "*...Tmienja biss, salvaw permezz ta' l-ilma. Dan l-ilma kien ifisser il-magħmudija,* ***li issa ssalvana***" (1 Pietru 3:20-21; enfasi tiegħi).

L-ilma rafa' 'l fuq u salva tmienja minn nies fidili li obdew lil Alla fi żmien Noè. L-istess ilma kkundanna jew qered lid-dinja.

Il-Bibbja tgħid li dan hu xbieha jew stampa bħall-magħmudija llum; hu hemm li l-fidili huma sseparati minn dawk mhux fidili. Il-Kelma ta' Alla tgħidilna li "*l-magħmudija, li issa* ***ssalvana***." Il-kelma tal-bnedmin tgħid, "*il-magħmudija, li issa* ***ma ssalvanhiex***." Lil min aħna għandna nemmnu?

## 16.

*Il-magħmudija mhix għalik sakemm int temmen*

### LI "KULL MIN" JILBES 'IL KRISTU, JAGĦMEL DAN BISS PERMEZZ TAL-BIEB TAL-MAGĦMUDIJA

> "*Imma lil dawk li laqgħuh tahom is-setgħa* ***li jsiru*** *wlied Alla, dawk li jemmnu f'ismu, li twieldu mhux mid-demm, anqas mill-ġibda tal-ġisem, u anqas mir-rieda tal-bniedem, iżda minn Alla*" (Ġwanni 1:12-13; enfasi tiegħi).

"***Li jsiru*** *wlied Alla*" u mhux *għamilhom* ulied! Imma KIF isiru wlied Alla?

> "*Għax intom* ***ulied Alla*** *lkoll kemm in-tom,* ***permezz tal-fidi*** *fi Kristu, intom* ***li mgħammda fi Kristu***, ***ilbistu*** *'l Kristu*" (Galatin 3:26-27; enfasi tiegħi).

Ara wkoll Rumani 6:3-4; kif tista' persuna tkun salva *barra* minn Kristu? "F'ħadd ħliefu ma hemm salv-azzjoni" (Atti 4:12). Xi wħud igħallmu li aħna nsiru "wlied Alla" hekk kif nemmnu. Imma skond il-Kelma ta' Alla aħna nsiru wlied Alla permezz *tal-fidi u l-magħmudija*.

## 17.

*Il-magħmudija mhix għalik sakemm int temmen*

## ILLI 'D-DON TA' L-ISPIRTU S-SANTU' HU MOGĦTI META KRISTU JKUN OBDUT FL-INDIEMA U FIL-MAGĦMUDIJA

> "*Uietru weġibhom: "Indmu, u jitgħam-med kull wieħed minnkom fl-isem ta' Ġesù Kristu għall-maħfra ta' dnubiet-*

*kom; u intom tirċievu d-don ta' l-Ispirtu s-Santu*" (Atti 2:38).

"*...l-Ispirtu s-Santu li Alla ta lil dawk* ***li jobduh***" (Atti 5:32; enfasi tiegħi).

"Id-don ta' l-Ispirtu s-Santu" wieħed jirċevih *wara* l-magħmudija u mhux qabel!

## 18.

*Il-magħmudija mhix għalik sakemm int temmen*

**ILLI S-SALVAZZJONI TINSAB BISS FI KRISTU**

"*F'ħadd ħliefu ma hemm salvazzjoni*" (Atti 4:12).

"*Imbierek Alla u Missier Sidna Ġesù Kristu, li mliena b'kull xorta ta' barka spiritwali, fis-smewwiet fi Kristu... Fih aħna għandna l-fidwa...il-maħfra tad-dnubiet, skond il-għana tal-grazzja tiegħu*" (Efesin 1:3, 7).

"*Li bih għandna l-fidwa, il-maħfra tad-dnubiet*" (Kolossin 1:14).

Xi wħud jippruvaw igħallmu lin-nies li aħna għandna nitolbu lil Marija (Madonna) u lil qaddisin oħra, imma dak hu kollu tagħlim falz. Hemm biss isem **wieħed** u dan hu dak ta' Ġesù Kristu!

## 19.

*Il-magħmudija mhix għalik sakemm int temmen*

## ILLI S-SALVAZZJONI, IL-MAGĦMUDIJA, U L-KNISJA TA' KRISTU HUMA MAGĦQUDIN FLIMKIEN MINN ALLA

"*Għalhekk dawk li laqgħu kliem tgħammdu u dak in-nhar ingħaqdu maddixxipli madwar tlitt elef ruħ...u l-Mulej kien iżidilhom magħhom (mal-knisja) lil dawk li jkunu salvi*" (Atti 2:41, 47).

Lil min il-Mulej żidilhom magħhom? Lil dawk li laqgħu l-Kelma ta' Alla u obdewha billi tgħammdu għall-maħfra ta' dnubiethom! Min kienu "dawk li jkunu salvi"? Dawk l-istess nies li laqgħu l-Kelma ta' Alla u obdewha billi tgħammdu għall-maħfra ta' dnubiethom!

# 20.

*Il-magħmudija mhix għalik sakemm int temmen*

## LI L-MAGĦMUDIJA HIJA BL-AWTORITÀ TA' ĠESÙ KRISTU, U HI FL-ISEM TAL-MISSIER U TA' L-IBEN U TA' L-ISPIRTU S-SANTU

"*Ġesù resaq ikellimhom u qalilhom: "Lili ngħatat l-awtorità kollha fis-sema u fl-art. Morru, mela, agħmlu dixxipli mill-ġnus kollha, u għammduhom fl-isem tal-Missier u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu, u għallmuhom iħarsu*

*dak kollu li ordnajtilkom jien. U ara, jiena magħkomn dejjem, sa l-aħħar taż-żmien*" (Mattew 28:18-20).

"*U ordna li jitgħammdu fl-isem ta' Kristu*" (Atti 10:48a).

Tista' persuna tkun salva *qabel* ma tkun *mgħammda* **fl-isem** ta' Kristu? Tista' tkun salva **barra** minn Kristu?

## 21.

*Il-magħmudija mhix għalik sakemm int temmen*

### LI PERMEZZ TAL-MAGĦMUDIJA WIEĦED JIDĦOL FIL-ĠISEM WIEĦED, IL-KNISJA TA' KRISTU

"*Għax aħna wkoll, ilkoll tgħammidna fi Spirtu wieħed biex nagħmlu ġisem wieħed*" (1 Korintin 12:13a).

"*Billi jagħmilhom paċi t-tnejn bejniethom u jħabbibhom it-tnejn ma' Alla f'ġisem wieħed permezz tas-salib*" (Efesin 2:16a).

Il-ġisem hu l-knisja. Efesin 1:22-23; Kolossin 1:18. Il-knisja li Ġesù waqqaf iġġib l-isem Tiegħu (Rumani 16:16) u m'għandix tkun żbaljata bħala li hi xi waħda mill-ħafna denominazzjonijiet imwaqqfa mill-bnedmin (Mattew 15:13). Knejjes ta' Kristu llum huma l-istess fl-isem, fid-dottrina, fl-organizzazzjoni, u fil-prattika bħal ma kienu fl-ewwel seklu.

# 22.

*Il-magħmudija mhix għalik sakemm int temmen*

## ILLI KRISTU JSALVA LIL DAWK LI JOBDUH, U MHUX LIL DAWK LI JIOPPROFESSAW FIDI FIH

"*Għad li kien Iben, (Kristu) tgħallem minn dak li bata xi tfisser* ***l-ubbidjenza****. U, billi laħaq il-perfezzjoni, sar awtur tas-salvazzjoni ta' dejjem* ***għal kull min jisma'*** *minnu*" (Lhud 5:8-9).

"*Intom naddaftu rwieħkom billi* ***qgħadtu*** *għall-kelma tal-verità*" (1 Pietru 1: 22a).

"*L-aħwa,* ***x'għandna nagħmlu****?*" (Atti 2:37).

"*Imma issa qum u idħol fil-belt, u hem-mek igħidulek* ***x'għandek tagħmel***" (Atti 9:6; 22:16).

"*Mhux kull min igħidli, 'Mulej, Mulej,' jidħol fis-saltna tas-smewwiet, iżda min* ***jagħmel*** *ir-rieda ta' Missieri li hu fis-smewwiet*" (Mattew 7:211).

"*Għaliex fi Kristu Ġesù, biċ-ċirkonċiżjoni jew mingħajra, xejn ma jkun jiswa ħlief biex il-fidi li taħdem per-mezz ta' l-imħabba*" (Galatin 5:6).

"*Kunu intom dawk* ***li jagħmlu*** *l-kelma, u mhux tisimgħuha biss u hekk tqarrqu bikom infuskom. Għax jekk xi ħadd jisma' l-kelma* ***u ma jagħmilhiex****, ikun bħal bniedem li jara f'mera l-wiċċ li bih twieled: jara lilu nnifsu, jitlaq, u malajr jinsa kif kien. Imma dak li jagħarbel sewwa l-liġi perfetta tal-ħel-sien, u jżomm sħiħ magħha, ma jkunx wieħed li jisma' biss u jinsa, iżda jkun wieħed li jagħmlilha; hieni dan fil-għemil tiegħu* (Ġakbu 1:22-25; enfasi dejjem tiegħi).

Ara wkoll Lhud 11 u 2 Slaten 5. Fidi li ssalva hija fidi li taħdem.

## 23.

*Il-magħmudija mhix għalik sakemm int temmen*

## LI FIDI MINGĦAJR OPRI HI MEJTA

"*Hekk ukoll il-fidi: jekk tkun weħidha u ma jkollhiex l-għemil, tkun mejta*" (Ġakbu 2:17).

"*Taraw, mela li l-bniedem ikun iġġusti-fikat bil-għemil, mhux bil-fidi biss*" (Ġakbu 2:24).

"*Għax bħalma l-ġisem mingħajr ruħ hu mejjet, hekk ukoll hi meta l-fidi min-għajr għemil*: (Ġakbu 2:26).

## 24.

*Il-magħmudija mhix għalik sakemm int temmen*

## ILLI KULL MIN IGĦALLEM LI L-MAGĦMUDIJA MHIX ESSENZJALI GĦAS-SALVAZZJONI, QIEGĦED JAGĦMEL "EGĦMEJJEL ĦŻIENA" U TA' MIN JISTKARTAH

"*Jekk xi ħadd jaqbeż 'il barra u ma jibqax fit-tagħlim ta' Kristu, dan ma għandux lil Alla fih. Imma min jibqa' fit-tagħlim, għandu l-Missier u l-Iben fih. Jekk jiġikom xi ħadd u ma jġibil-komx dan it-tagħlim, la tilqgħuhx għa-ndkom u la ssellmulux, għax min isel-limlu jkun qiegħed jissieħeb miegħu fl-egħmejjel ħżiena tiegħu*" (2 Ġwanni 9-11).

## KONKLUŻJONI

Ħabib qarrej, jiena nappellalek fl-ispirtu ta' l-umiltà ta' Kristu, tkunx ingannat b'duttrini li jgħidu li l-magħmudija hija biss "sinjal lid-dinja biex turi li inti salv," stqarrija li ma tidher *imkien* fil-Bibbja Mqaddsa. Dawk li jmexxuk hekk ħażin mhux biss jiċħdu l-iskop li Alla rabat mal-veru magħmudija, imma huma wkoll jitolbuk biex tagħmel stqarrija li mhix skond il-Bibbja waqt il-magħmudija tiegħek, jiġifieri, "Jiena nemmen li Alla, minħabba fi Kristu ĦAFER id-dnubiet tiegħi." Din hija stqarrija li mhix Skritturali. Il-maħfra tad-dnubiet ma tiġix *qabel* ubbidjenza fil-magħmudija (Atti 2:36-38; 22:16).

Dan huma ħwejjeġ ta’ importanza kbira. Int għandek tkun taf u temmen il-*verità* jekk trid li tkun salv (Ġwanni 8:32). Jekk int diġà *emmint gidba*, u forsi ukoll *obdejt gidba* (tgħammidt billi ċħadt l-iskop u l-qawwa ta’ Alla fil-magħmudija), ukoll jekk int kont mgħammed bħala tarbija, int għandek **issa** temmen il-verità, dur fl-indiema minn dawn u minn kull ħaġa oħra ħażina, u obdi minn qalbek fik il-forma tal-mewt, difna u qawmien ta’ Kristu sabiex b’hekk tirċievi l-maħfra ta’ dnubietek permezz tad-demm ta’ Ġesù Kristu. Agħmel kuntatt mad-demm tal-Mulej billi tindifen u tqum Miegħu fil-magħmudija (Rumani 6:3-5; Kolossin 2:12). U minn dak il-mument ’il quddiem int tista’ tgħid li bdejt "ħajja ġdida" (Rumani 6:4).

X’qiegħed iżommok milli tkun mgħammed għall-maħfra ta’ dnubietek? Xejn, jekk inti temmen x’għallem il-Mulej tagħna Ġesù Kristu fil-Kelma Tiegħu, b’qalbek kollha.

Qum u tgħammed, u nħasel minn dnubietek, int u ssejjaħ isem il-Mulej! (Atti 22:16).

*Jalla aħna nħajruk biex issir Kristjan, xejn aktar, xejn inqas. Għamel dan illum!*

**Għal aktar informazzjoni ikkuntatjana:**

Knisja Ta’ Kristu
Flat 1, Polytechnic Flats,
Ġużè Debono Square,
Msida. MSD 10

e-mail: **info@churchofchristmalta.com**

jew: **www.churchofchristmalta.com**